**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 133**
**It-Tlieta, 13 ta' Ġunju, 2023 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - PROMOZZJONI TA' CEOS – SPIŻA**

**8892. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus minn fondi pubbliċi fuq advertisement packages li jinkludu kontenut diġitali u kwalunkwe promozzjonijiet ta' kull xorta, li ttellgħu fuq il-pjattaformi soċjali tal-kumpanija, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, bl-iskop li jippromwovu b'mod personali lis-CEO tal-Malta Tourism Authority?

17/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ma ntefqu l-ebda fondi pubbliċi mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu bi skop li jippromwovu b'mod personali lis-CEO tal-entità. L-Awtorità għandha kuntratt ta' €4,950 għal 12 month banner + logo as media partner on portal at 100% occupancy + replication of same banner at 10% occupancy fuq is-sit imsemmi.

Seduta 133
13/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - PROMOZZJONI TA' CEOS – SPIŻA**

**8893. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus minn fondi pubbliċi fuq advertisement packages li jinkludu kontenut diġitali u kwalunkwe promozzjonijiet ta' kull xorta, li ttellgħu fuq il-pjattaformi soċjali tal-kumpanija, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, bl-iskop li jippromwovu b'mod personali lill-istess Ministru u lis-CEO tal-Housing Authority?

17/05/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li la l-Ministeru u lanqas l-Awtorità tad-Djar ma użat l-ebda advertisementpackage sabiex tippromwovi b'mod personali lili jew lis-CEO tal-istess Awtorità.

Seduta 133
13/06/2023

**KEMMUNA – BLUE LAGOON - ENCROACHMENTS**

**8894. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8239, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-encroachments ġodda li nħarġu għall-bajja tal-Blue Lagoon, f'Kemmuna?

17/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba tista' tippreġudika l-interessi kummerċjali tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. Mandanakollu, l-Onor. Interpellanta se tingħata l-opportunità li tara hi personalment id-dokumenti mitluba.

Seduta 133
13/06/2023

**KUNTRATT TA' KONĊESSJONI TA' SIT**

**8895. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8241 dwar kuntratt ta' konċessjoni għal sit ta' kostruzzjoni f'Kordin Industrial Estate, jista' l-Ministru jgħid min kien in-nutar li ppubblika l-att u jagħti d-data ta' meta kien ippubblikat l-att?

17/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Att ġie ppubblikat fl-4 ta' Frar 2020 min-nutar Dr Anton Borg.

Seduta 133
13/06/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - LEGAL AND PROFESSIONAL FEES**

**8925. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għar-rapport finanzjarju għas-sena 2022 tal-Awtorità tal-Artijiet, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-ħlasijiet (inkluż isem il-benefiċjarji/kumpaniji) li tħallsu għal-'Legal and Professional fees' imsemmija fl-istess rapport?

17/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba, kif ingħatat lili mill-Awtorità tal-Artijiet.

Seduta 133
13/06/2023

**HOSPITALITY AND ENTERTAINMENT – AWTORITÀ TAL-ARTIJIET**

**8926. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għar-rapport finanzjarju għas-sena 2022 tal-Awtorità tal-Artijiet, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-ħlasijiet (inklużi l-iskop u isem il- benefiċjarji/kumpaniji) li tħallsu b'konnessjoni man-nefqa fuq il-'Hospitality and Entertainment' imsemmija fl-istess rapport?

17/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 133
13/06/2023

**XANDIR TAL-PROGRAMM LOVE ISLAND**

**9126. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid fuq liema stazzjon nazzjonali f'xi pajjiż fl-Unjoni Ewropea u fir-Renju Unit (BBC) jintwera jew intwera l-programm Love Island?

24/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Public Broadcasting Services Ltd li l-istess PBS m'għandha ebda obbligu sabiex tissorvelja stazzjonijiet oħra.

Seduta 133
13/06/2023

**IIP – GĦOTI TAL-PASSAPORT MALTI B'XEJN**

**9127. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jeskludi b'mod kategoriku li ma kien hemm l-ebda każ ta' għoti/donazzjoni tal-passaport Malti b'xejn lil ċittadini barranin taħt l-Individual Investor Programme (IIP) wara l-2014?

24/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li wara li saru l-veriki neċessarji, ġie kkonfermat lili li kull min ġie mogħti ċ-ċittadinanza taħt l-IIP ħallas il-kontribuzzjoni dovuta kif hemm stipulat fil-liġi.

Seduta 133
13/06/2023

**SAN VINĊENZ DE PAUL – CARERS**

**9128. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7743 dwar carers f'San Vinċenz de Paul, jista' l-Ministru jgħid kemm mill-406 carer huma ħaddiema mal-Gvern u kemm minnhom huma mal-kuntrattur?

24/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn total ta' erba' mija u sitta (406) carers Maltin; mitejn u sebgħa u sebgħin (277) huma impjegati fis-servizz pubbliku u l-kumplament jiġifieri mija u disgħa u għoxrin (129) huma tal-kuntrattur.

Seduta 133
13/06/2023

**MBR – PASSI KONTRA FONDAZZJONI LI MA PPREŻENTATX AUDITED ACCOUNTS**

**9129. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ħa jew qed jieħu l-Malta Business Registry (MBR) kontra l-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament li qatt ma ppreżentat audited accounts fl-aħħar ħames snin? Jekk le, jista' jgħid għalfejn ma ttiħdux passi?

24/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-accounts tal-Fondazzjonijiet jiġu sottomessi lill-Kummissjoni tal-Organizzazzjonijiet Volontarji u mhux mal-MBR.

Seduta 133
13/06/2023

**PERSUNI LI NTBAGĦTU L-ĦABS MINĦABBA NUQQAS TA' AĊĊESS GĦALL-MINURI**

**9130. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li ntbagħtu l-ħabs effettiv minħabba nuqqas ta' aċċess għall-minuri skont l-artikolu 338(ll) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9, u nuqqas ta' ħlas ta' manteniment skont l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 mill-2020 sal-lum? Minn dawn, kemm kienu ommijiet u missirijiet?

24/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fis-sena 2020 kien hemm missier wieħed (1) illi weħel multa ta' 50 ewro u missier ieħor weħel ammenda ta' 50 ewro wara li nstabu ħatja dwar nuqqas ta' ħlas tal-manteniment, żewġ (2) ommijiet weħlu multa ta' 50 ewro wara li nstabu ħatja fuq rifjut t'aċċess u omm minnhom weħlet 9 sentenzi ta' detenzjoni effettiva.

Għall-informazzjoni mitluba dwar is-snin 2021 u 2022 nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġibiet li tajt għall-mistoqsijiet 8414 u 9713.

Filwaqt li fis-sena 2023 ma kien hemm l-ebda persuna li ntbagħtet l-ħabs minħabba nuqqas ta' aċċess għall-minuri u/jew għal nuqqas ta' ħlas ta' manteniment.

Seduta 133
13/06/2023

**KUMMISSARJU GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET VOLONTARJI – PASSI KONTRA FONDAZZJONI LI MA PPREŻENTATX AUDITED ACCOUNTS**

**9131. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'passi ħa jew qed jieħu l-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji kontra l-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament li qatt ma ppreżentat audited accounts fl-aħħar ħames snin? Jekk le, jista' jgħid għalfejn ma ttiħdux passi?

24/05/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għandu informazzjoni ħażina għax l-organizzazzjoni inkwistjoni ssottomettiet l-audited accounts tagħha mal-istess uffiċċju kif mistenni. Għaldaqstant ma kienx hemm lok għal xi azzjoni mill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.

Seduta 133
13/06/2023

**GĦAWDEX – PARKS, ĠONNA U PLAYING FIELDS**

**9275. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' fejn u kemm hemm parks, ġonna u playing fields li jaqgħu taħt ir-responsabilità tal-Ministeru għal Għawdex?

29/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella ta' hawn taħt.

| | |
|---|---|
| Ġnien Ċensu Xiberras | Ġnien |
| Dawwara Nursery | Ġnien |
| Ulysses Grove | Ġnien |
| Ġnien ta' Tliet Għoljiet | Ġnien/Playing Field |
| Villa Rundle | Ġnien |
| Qortin T'Isopu | Ġnien |

Seduta 133
13/06/2023

**KALKARA – PROĠETT TAX-XATT**

**9327. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għall-proġett tax-Xatt tal-Kalkara, peress li hemm l-għajdut li l-proġett se jieqaf għas-sajf, jista' l-Ministru jgħid:
a. meta se tinfetaħ it-triq li mix-Xatt tagħti għall-Mina tal-Kalkara;
b. minn meta sa meta se jieqaf ix-xogħol;
ċ. liema partijiet se jkunu aċċessibbli għall-pubbliku u t-traffiku u liema le; u
d. peress li se jieqaf ix-xogħol, jista' l-Ministru jgħid jekk il-proġett hux se jkun komplut sal-aħħar tas-sena 2023 jew hux se jerġa' jipposponi d-data, peress li oriġinarjament kellu jkun lest qabel dan is-sajf ?

30/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li mhux minnu li x-xogħol fuq dan il-proġett ser jieqaf fis-sajf.

Dwar ix-xogħlijiet, nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-twegibiet li tajt ftit ġimgħat ilu għall-Mistoqsijiet Parlamentari 8275 u 8273. Ma nbidel xejn minn dak li ntqal dakinhar.

Seduta 133
13/06/2023

**GĦAJNSIELEM – DAR TAL-ANZJANI SAN ĠUŻEPP – XOGĦOL**

**9335. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti d-data (xahar u sena) ta' meta d-Dar tal-Anzjani San Ġużepp, fi Triq l-Imġarr, Għajnsielem, se tiġi inawgurata u tilqa' fiha l-ewwel anzjani, peress li x-xogħol fuq din id-dar issa ilu li nbeda aktar minn tmien snin u nofs imma għadha fi stat ta' ġebel u saqaf? Jista' jgħid kemm ser tkun qed tieħu anzjani din id-dar? Jista' jgħid ukoll jekk il-kuntratt mal-offerent preferut ġiex iffirmat u jekk iva meta ġie ffirmat?

30/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Dar ta' San Ġużepp fi Triq l-Imġarr Għajsielem, se tibda tilqa' l-ewwel anzjani fil-bidu tas-sena d-dieħla. Il-kuntratt għadu ma ġiex iffirmat però mistenni jkun iffirmat u jitħabbar dan pubblikament fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 133
13/06/2023

**SERVIZZ TA' ĠARDINAR U HANDYMAN**

**9336. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fil-preżent kemm hemm anzjani jibbenefikaw minn ġardinar u handyman fid-djar tagħhom mill-Gvern? Kemm hi l-waiting list (f'tul ta' żmien) biex jingħataw dawn is-servizzi fid-djar mill-Gvern lill-anzjani f'Għawdex? Jista' jgħid ukoll fil-preżent kemm hemm ħaddiema impjegati mal-Ministeru li qed jagħtu s-servizz ta' ġardinar u ta' handyman fid-djar mill-Gvern lill-anzjani f'Għawdex?

30/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, fil-każ taż-żewġ servizzi li qed jingħataw b'xejn lill-anzjani tagħna, l-informazzjoni relatata hi kif indikata:

ĠARDINAR: Minn Jannar sal-lum kien hemm 170 residenza li bbenefikat mis-servizz, b'uħud minn dawn kienu applikanti li ħadu s-servizz qabel. Attwalment hemm 66 applikazzjoni pendenti għas-servizz, bi ftit minnhom li jridu jerġgħu jibbenefikaw għat-tieni jew it-tielet darba. Is-servizz qed jingħata minn 3 Social Assistants impjegati mal-kuntrattur.

HANDYMAN: Minn Jannar sal-lum kien hemm 55 anzjan li bbenefikaw mis-servizz tal-handyman fid-dar u m'hemm l-ebda lista ta' stennija għas-servizz, anke għax dan jingħata fl-iqsar ħin possibbli. Is-servizz ukoll qed jingħata minn Social Assistant impjegat mal-kuntrattur.

Seduta 133
13/06/2023

**GĦELUQ TAL-FLYOVER TA' ĦDEJN L-AJRUPORT**

**9337. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn fil-ġurnata tal-Ħamis, 25 ta' Mejju 2023, għal ħinijiet twal matul il-ġurnata l-Flyover il-ġdida ta' ħdejn l-Ajruport kienet magħluqa u fuqha kien hemm trakkijiet u ready-mixers weqfin għal ħinijiet twal?

30/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-25 ta' Mejju kien hemm numru ta' trakkijiet mgħobbija fuq il-pont biex jissimulaw l-agħar każijiet ta' tgħabija fuq il-pont. Dan hu wieħed mit-testijiet mitluba biex jiġi kkonfermat li l-kostruzzjoni tal-pont saret skont id-disinn.

Seduta 133
13/06/2023

**RABAT, MALTA – BDIL TA' COVERS TAL-PLASTIC FIL-BANKINI**

**9338. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8832 rigward covers tal-plastic fil-bankini fejn ġie mwiegeb li "Infrastructure Malta aġixxiet billi ħarġet (04/11/2022) direzzjoni teknika ċara lill-entitajiet terzi u lill-istaff tekniku tagħha sabiex b'mod immedjat jiġu installati BISS għotjien konformi mal-ispeċifikazzjoni Ewropea EN 124-1 – Dan ifisser illi l-materjal tal-"covers" ikun "ductile cast iron", l-istess bħalma jintuża fil-kareġġjata. Ir-reżistenza għall-piż (loading class) kif mitluba mill-istandard tkun dik għall-użu "pedestrian". Infrastructure Malta kompliet tinforza din id-deċiżjoni billi inkorporat speċifikazzjoni ċara fit-Tender Dynamic Purchasing (DPS) maħruġ f'Marzu, 2023 li tesiġi dan", jista' l-Ministru jgħid jekk din id-direzzjoni li l-materjal tal-"covers" tal-bankini jkun ductile cast iron (għotjien konformi mal-ispeċifikazzjoni Ewropea EN 124-1) tgħoddx ukoll għall-covers tal-bankini ġewwa l-gżira ta' Għawdex u jekk hux qiegħed isir hekk ukoll?

30/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din id-deċiżjoni tapplika għal kull xogħol li jsir taħt id-Dynamic Purchasing System indikat.

Seduta 133
13/06/2023

**MCC - INFIQ**

**9341. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm kienu l-ispejjeż u l-infiq tal-Mediterranean Conference Centre (MCC), sena b'sena, mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

30/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellant qiegħda fit-tabella t'hawn taħt:

| **Sena** | **Spejjeż rikorrenti qabel id-deprezzament €** | **Spejjeż kapitali – Investimenti €** | **Perċentwal Spejjeż Rikorrenti vs Dħul Totali** |
|---|---|---|---|
| 2013 | 1,129,083 | 99,091 | 99.2% |
| 2014 | 1,081,527 | 57,769 | 91.4% |
| 2015 | 1,392,055 | 1,234,411 | 76.4% |
| 2016 | 1,764,623 | 714,519 | 81.5% |
| 2017 | 2,579,409 | 602,727 | 79.9% |
| 2018 | 2,199,001 | 349,881 | 68.8% |
| 2019 | 2,500,453 | 289,351 | 86.1% |
| 2020 | 1,701,065 | 4,047,048 | 73.4% |
| 2021 | 1,726,747 | 567,957 | 77.4% |
| 2022 | 2,441,294 | 640,284 | 60.0% |

Dawn il-figuri huma turija ċara tal-għaqal tal-amministrazzjoni tal-MCC fejn sar investiment illi kabbar l-opportunitajiet offruti ġewwa l-MCC bir-riżultat li żdied ir-rikav.

Seduta 133
13/06/2023

**CHEQUE TAR-RIFUŻJONI TAT-TAXXA**

**9353. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn l-individwu, li d-dettalji tiegħu qed jintbagħtu separatament, ma rċeviex iċ-cheque tar-rifużjoni tat-taxxa?

30/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 8998.

Seduta 133
13/06/2023

**ĦAL QORMI – RONDI MILL-PULIZIJA FIŻ-ŻONA TA' TRIQ IL-WIED**

**9354. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jara li jsiru aktar rondi tal-Pulizija fiż-żona ta' Triq il-Wied, f'Ħal Qormi?

30/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kemm il-Pulizija tad-Distrett ta' Ħal Qormi, kif ukoll dawk tal-RIU, jagħmlu ronda regolari fiż-żona ta' Triq il-Wied, f'Ħal Qormi u ser ikomplu jkopru u jżidu r-ronda f'din iż-żona flimkien ma' oħrajn f'din il-lokalità.

Seduta 133
13/06/2023

**ĦAL LUQA – GĦASSA TAL-PULIZIJA**

**9355. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn l-għassa tal-Pulizija ta' Ħal Luqa mhix qed tkun miftuħa 24 siegħa kuljum?

30/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fil-maġġoranza taż-żmien l-għassa ta' Ħal Luqa tkun miftuħa erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Meta minħabba impenji u attivitajiet oħra l-għassa tingħalaq, il-lokalità xorta tibqa' tkun milħuqa mir-ronda li dejjem issir permezz ta' uffiċjali b'vetturi tal-RIU, kif ukoll dawk tad-Distrett. B'hekk il-ħtiġijiet u s-servizzi operazzjonali kollha tal-pulizija fil-lokalità jintlaħqu. Barra minn dan, ma' din l-għassa hemm istallata sistema ta' intercom li permezz tagħha l-pubbliku jista' jikkomunika mal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, minn fejn tingħata kull assistenza mitluba.

Seduta 133
13/06/2023

**ĦAL QORMI – RONDI TAL-PULIZIJA FI TRIQ L-IMDINA**

**9356. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jara li jsiru aktar rondi tal-pulizija fi Triq l-Imdina f'Ħal Qormi, partikolarment il-parti t'isfel tat-triq qabel ma tidħol għall-Marsa?

30/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kemm l-Pulizija tad-Distrett, il-Pulizija tal-Komunità, kif ukoll dawk tal-RIU, jagħmlu ronda regolarment fil-lokalità msemmija mill-Onor. Interpellant kif ukoll fit-toroq l-oħra, u din ser tkompli, anke iktar frekwenti.

Seduta 133
13/06/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**9374. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8545, 8758 u 9158 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not fully accepted: unfair treatment during a scholarship interview*" datat 24 ta' Jannar 2022, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet (jew parti minnhom) ġew injorati?

31/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rakkomandazzjonijiet ma ġewx injorati, anzi ġew attwati ħlief għar-rakkomandazzjoni biex jiġu rrekordjati l-intervisti.

Seduta 133
13/06/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**9375. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8546, 8759 u 9159 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: Primary school teacher on a career break not allowed to work temporarily in the private sector*" datat 9 ta' Mejju 2022, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

31/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rakkomandazzjonijiet ma ġewx injorati iżda ma ġewx aċċettati. Skont il-PSMC taqsima 6.2.3.1, mhux permess li ħaddiema fuq career break jitħallew jaħdmu mal-privat.

Seduta 133
13/06/2023

**KARTI TAL-BENCHMARK**

**9377. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-karti tal-Benchmark ta' din is-sena?

31/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qabel ma jsiru s-sessjonijiet ta' riserva, il-karti mitluba ma jistgħux jiġu ppubblikati.

Seduta 133
13/06/2023

**EŻAMIJIET TAL-BENCHMARK**

**9378. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-eżamijiet tal-Benchmark hux se jkunu qed jitneħħew mis-sistema edukattiva mis-sena skolastika li jmiss?

31/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li diġà ġie mgħarraf li l-eżamijiet tal-benchmark mhux ser jibqgħu jsiru. Dan kollu qed isir skont in-National Curriculum Framework.

Seduta 133
13/06/2023

**GĦAQDIET TAL-KONSUMATUR**

**9396. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid fil-preżent kemm hawn għaqdiet tal-konsumaturi reġistrati skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378? F'kull istanza, tista' l-Ministru tgħid jekk ġietx mogħtija xi forma ta' għajnuna u jekk iva, fiex kienet tikkonsisti, mill-2017 s'issa, maqsuma sena b'sena? Tista' tgħid jekk sarux xi talbiet minn għaqdiet ta' din ix-xorta għal intervent regolatorju da parti ta' xi direttorat fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) u jekk iva, tista' tagħti d-dettalji? Tista' tgħid ukoll jekk kienx hemm xi forma ta' għajnuna biex jiġu impjegati professjonisti biex jassistu għaqdiet ta' din ix-xorta fil-ħidma tagħhom? Jekk iva, x'kien l-eżitu?

31/05/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent hemm żewġ għaqdiet tal-konsumaturi reġistrati skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378. Fir-rigward ta' għajnuna, l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA), tagħti għajnuna lil waħda mill-għaqdiet – l-Għaqda tal-Konsumaturi, fejn tipprovdi uffiċċju u l-kera fejn tiltaqa' din l-għaqda, servizz tal-internet u linja tat-telefon mingħajr ħlas, kif ukoll il-ħlas ta' servizzi ta' dawl, ilma u ndafa. L-għaqda l-oħra qatt ma għamlu xi tip ta' talbiet għall-għajnuna.
Rigward jekk sarux xi talbiet minn għaqdiet għal intervent regolatorju ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Għaqda tal-Konsumaturi kienet daħħlet ilment mal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni fi ħdan l-MCCAA rigward tariffi bankarji. L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni bħalissa għaddej bil-verifiki meħtieġa.
Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant li l-Għaqda tal-Konsumaturi għadha kif ingħatat uffiċjal sabiex jgħin fil-monitoraġġ tas-suq u s-sigurtà tal-konsumatur.

Seduta 133
13/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – FTEHIM DWAR VANNIJIET**

**9401. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8525 u jgħid jekk hux minnu li l-vannijiet (8+1 seater) li għandhom ftehim mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni sa tmiem is-sena skolastika 2024/2025 (permezz ta' kuntratt iffirmat fl-2019 u mbagħad imġedded b'addendum) fejn qed jintalbu jwaqqfu l-operat tagħhom fi tmiem din is-sena skolastika 2022/2023? Jista' jgħid jekk il-Gvern hux qed imur kontra l-ftehim li kien daħal għalih sas-sena 2025?

31/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mhu ser jitwaqqaf l-ebda kuntratt.

Seduta 133
13/06/2023

**SKOLA ALP – STUDENTI**

**9403. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu studenti fl-iskola ALP fl-aħħar tliet snin skolastiċi, jiġifieri fis-snin skolastiċi 2022-2023, 2021-2022 u 2020-2021?

31/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 133
13/06/2023

**SKOLA ALP - TFAL LI ATTENDEW GĦALL-INTERVIEW U ĠEW AĊĊETTATI**

**9404. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm tfal li attendew għall-interview biex jidħlu fl-iskola ALP u ġew aċċettati fl-aħħar tliet snin skolastiċi, jiġifieri fis-snin skolastiċi 2022-2023, 2021-2022 u 2020-2021?

31/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 133
13/06/2023

**SKOLA ALP - TFAL LI ATTENDEW GĦALL-INTERVIEW U MA ĠEWX AĊĊETTATI**

**9405. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm tfal li attendew għall-interview biex jidħlu fl-iskola ALP u ma ġewx aċċettati fl-aħħar tliet snin skolastiċi, jiġifieri fis-sena skolastika 2022-2023, 2021-2022 u 2020-2021?

31/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 133
13/06/2023

**ĦAL TARXIEN – PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PJAZZA U Z-ZUNTIER QUDDIEM IL-KNISJA PARROKKJALI**

**9426. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3483, jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju wasal il-proġett tar-riġenerazzjoni tal-pjazza u z-zuntier quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien u jgħid jekk il-proċess ta' konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali huwiex magħluq?

31/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsultazzjoni preliminari saret però mhix konkluża u terġa' ssir konsultazzjoni li timxi pari passu mal-istadji differenti tal-proġett. Il-konsultazzjoni ma' xi entitajiet pubbliċi għadha għaddejja, kif ukoll għadu għaddej il-proċess tad-disinn.

Seduta 133
13/06/2023

**RAĦAL ĠDID – KNISJA SANTA UBALDESKA – RESTAWR TAL-FAĊĊATA**

**9427. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jara li l-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-Knisja ta' Santa Ubaldeska, f'Raħal Ġdid, isir tul din is-sena u jekk le jgħid għaliex ma jistax isir?

31/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nistieden lill-Onor. Interpellant jagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 133
13/06/2023

**ĦAL TARXIEN – PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PJAZZA U Z-ZUNTIER QUDDIEM IL-KNISJA PARROKKJALI**

**9428. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3483 jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju wasal il-proġett tar-riġenerazzjoni tal-pjazza u z-zuntier quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien u jgħid jekk il-proċess ta' konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali huwiex magħluq?

31/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien li l-proġett jinsab fi stat fejn il-Kunsill rispettiv ser ikun qiegħed jagħżel l-ispeċifikazzjonijiet tad-dawl dekorattiv sabiex jinħareġ it-tender.

Infurmat ukoll mill-Kunsill Lokali rispettiv li l-process ta' konsultazzjoni mas-Sovrintendanza tal-Patrimonju Kulturali għadu għaddej.

Intant infurmat mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali li l-permess PA 7489/19, fejn intalab tiġdid ta' permess PA 20641/12, huwa relatat mar-rijabilitazzjoni taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien u mhux relatat mal-pjazza.

Infurmat ukoll li s-Sovrintendenza għaddiet ir-rakkommandazzjonijiet tagħha dwar dan il-każ u dan ġie approvat, u huwa validu sa Jannar 2024.

Fuq nota finali infurmat li sal-lum għadha ma ġietx sottomessa Commencement Notice u għaldaqstant is-Sovrintendenza ma waqqfet l-ebda xogħol ladarba dan għadu ma bediex.

Seduta 133
13/06/2023

**XGĦAJRA – XATT – DAWL MITFI**

**9429. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid għaliex id-dawl fuq ix-Xatt tax-Xgħajra, fil-parti li twassal lejn Smart City, ilu mitfi għal numru ta xhur?

31/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fiż-żona indikata m'hemmx dawl li huwa fir-responsabbiltà tal-Enemalta u li mhux jiffunzjona.

Seduta 133
13/06/2023

**TAX DEDUCTION FIL-PENSJONI**

**9430. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għaliex it-Tax Deduction ta' 20% għas-sena 2022 u ta' 40% għas-sena 2023 kif imsemmi fl-aħħar żewġ baġits mhumiex jiġu applikati fil-pensjoni maħruġa *ai termini* tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u jekk dan huwiex isir għas-sena 2021?

31/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għas-sena bażi 2022 persuni li għandhom mill-inqas wieħed u sittin (61) sena ser jibbenfikaw minn eżenzjoni ta' 20% fuq id-dħul derivati mill-pensjoni tagħhom (sa massimu ta' eżenzjoni ta' €2,864 għas-sena 2022).
Din l-eżenzjoni qed tiżdied b'20% fis-sena u b'hekk sas-sena bażi 2026 titla' sa 100%.

Seduta 133
13/06/2023

**TAX DEDUCTION FIL-PENSJONI**

**9431. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid għaliex it-Tax Deduction ta' 20% għas-sena 2022 u ta' 40% għas-sena 2023 kif imsemmi fl-aħħar żewġ baġits mhumiex jiġu applikati fil-pensjoni maħruġa *ai termini* tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u jekk dan huwiex isir għas-sena 2021?

31/05/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali qiegħed jaħdem fuq il-miżura msemmija wara l-pubblikazzjoni tal-Avviż Legali f'Marzu li għadda mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, biex l-ammont taxxabbli jkun konformi mal-istess avviż legali fl-iqsar żmien possibbli.

Seduta 133
13/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**9450. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8910 u jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista’ jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

31/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba, kif ingħatat lili mill-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi.

Seduta 133
13/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9455. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9195 jista' l-Ministru jikkonferma li minn meta wieġeb il-mistoqsija parlamentari 16743 tal-Leġiżlatura XIII m'għaddewx ħlasijiet jew donazzjonijiet eċċ. lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha ntbagħtu separatament?

01/06/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li nikkonfermali minn meta twieġbet il-mistoqsija parlamentari 16743 tal-Leġiżlatura XIII m'għaddewx ħlasijiet jew donazzjonijiet eċċ. lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha ntbagħtu separatament.

Seduta 133
13/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9456. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9196 u jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta’ donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

01/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba, kif ingħatat lili mill-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi.

Seduta 133
13/06/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9457. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9197 tista' l-Minsitru tispeċifika jekk ingħatawx donazzjonijiet lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha ntbagħtu separatament mill-entitajiet li jaqgħtu taħtha fil-Leġiżlaturi preċedenti?

01/06/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħi ma taw l-ebda donazzjoni lill-fondazzjoni msemmija separatament fil-leġiżlaturi preċedenti.

Seduta 133
13/06/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9458. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9193 u jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

01/06/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Ministeru tiegħi ma ta l-ebda donazzjoni lill-Fondazzjoni msemmija.

Seduta 133
13/06/2023

**GĦAWDEX - PORT TAL-IMĠARR – DGĦAJJES REĠISTRATI "S"**

**9460. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm dgħajjes li huma reġistrati "S" ingħataw irmiġġ fil-Port tal-Imġarr fl-2020 u fl-2021?

01/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'iniex infurmat li ebda dgħajsa reġistrata 'S' ma ngħatat irmiġġ fil-Port tal-Imġarr fl-2020 u 2021.

Seduta 133
13/06/2023

**AIR MALTA – ROTOT ĠODDA**

**9461. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9243 u jgħid liema rotot ġodda tal-Air Malta ġew introdotti fl-2018, u jekk kienx hemm xi riċerki tas-suq imwettqa li wasslu li jiġu introdotti dawn ir-rotot? Jekk iva, kemm swew dawn ir-riċerki, u fuq liema bażi ġew introdotti dawn ir-rotot?

01/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fis-sajf 2018, l-Air Malta introduċiet 15-il rotta ġdida, inklużi 3 rotot intra-Ewropej. Ir-rotot huma: Cagliari, Casablanca, Comiso, Frankfurt, Kiev, Lisbona, Londra-Southend, Lourdes, Malaga, Manchester, St.Petersburg u Venezja.
It-3 rotot intra-Ewropej kienu: Cagliari-Londra Southend, Catania-Londra Southend u Catania-Vjenna.
Għal dawn ir-rotot saru riċerki fuq data li wriet domanda għal konnettività, mhux lanqas mill-gżejjer Taljani ta' Sqallija u Sardenja, u fatturi soċjo-ekonomiċi f'dak il-perjodu li kienu għadhom jippermettu titjiriet f'territorji bħar-Russja. Din id-data ġiet akkwistata minn sorsi aċċessibbli għall-kumpaniji tal-ajru u għalhekk ir-riċerka ma swietx flus.

Il-load factors ta’ dawn ir-rotot matul is-sajf 2018 u x-xitwa 2018/2019 kienu hekk kif ġej:
· Cagliari – 49%
· Casablanca – 57%
· Comiso – 48%
· Frankfurt – 70%
· Kiev – 62%
· Lisbon – 75%
· London Southend – 65%
· Lourdes – 69%
· Malaga – 66%
· Manchester – 85%
· St Petersburg – 57%
· Venice – 62%
· Cagliari – London Southend – 51%
· Catania – London Southend – 73%
· Catania – Venice – 70%

Seduta 133
13/06/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – DAWRET IN-NAWFRAĠJU – DAWL PUBBLIKU**

**9463. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara li d-dawl pubbliku kollu, u allura anke d-dawl dekorattiv, li hemm fiż-żona ta' Dawret in-Nawfraġju, San Pawl il-Baħar, inkluż iż-żona tal-boathouses, ikun kollu mixgħul? Fid-dawl li ġew irrapportati numru ta' ħsarat hawnhekk, jista' l-Ministru jgħid meta huwa maħsub li dawn it-tiswijiet isiru? F'każ li l-ħsarat mhumiex responsabilità tal-Kunsill Lokali, jista' jara li l-Kunsill Lokali jinforma lill-entità kkonċernata dwar dawn il-ħsarat?

01/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Baħar illi l-manutenzjoni fuq l-arbli tad-dawl dekorattivi saret nhar il-Ġimgħa 2 ta’ Ġunju 2023.

Infurmat ukoll mill-istess Kunsill li rigwardanti l-kumplament tal-lampi li preżentement jinsabu mitfija, saret applikazzjoni dwarhom mill-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Baħar mal-entità relattiva nhar l-24 t’April 2023, sabiex dawn ikunu regolarizzati u mqabbda mal-grid enerġetiku min-naħa tal-Korporazzjoni Enemalta.

Intant infurmat mill-Kunsill Lokali rispettiv li dawn l-applikazzjonijiet qegħdin jiġu pproċessati mill-entitajiet kkonċernati.

Seduta 133
13/06/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – DAWRET IN-NAWFRAĠJU – DAWL PUBBLIKU**

**9464. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tara li d-dawl pubbliku kollu, u allura anke d-dawl dekorattiv, li hemm fiż-żona ta' Dawret in-Nawfraġju, San Pawl il-Bahar, inkluż iż-żona tal-boathouses, ikun kollu mixgħul? Fid-dawl li ġew irrapportati numru ta' ħsarat hawnhekk, tista' l-Ministru tgħid meta huwa maħsub li dawn it-tiswijiet isiru? F'każ li l-ħsarat mhumiex responsabilità tal-Enemalta, tista' l-Ministru tara li l-Enemalta tinforma lill-entità kkonċernata dwar dawn il-ħsarat?

01/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Enemalta ma tistax tagħmel it-tiswijiet ta’ wħud mil-lampi qabel ma l-installazzjoni tagħhom tkun skont kif stipulat mir-regoli tal-Enemalta. Il-Kunsill Lokali huwa infurmat. Fil-manwal hemm stipulat li kull lampa li f’xi żmien ġiet installata mill-Kunsill irid ikollha d-demarcation box magħha. Meta jsir dan ix-xogħol, l-Enemalta tkun tista’ tagħmel it-tiswijiet meħtieġa.

Infurmata wkoll li l-ħaddiema tal-Enemalta dan ix-xaħar stess għamlu tiswijiet ta' xi lampi f'Dawret in-Nawfraġju. Wara dawn it-tiswijiet, xi lampi tad-dawl tat-triq reġa' ntfew. Wara li investigaw mill-ġdid, it-tekniċi tal-Enemalta sabu li ħdejn żewġ lampi mitfijin hemm pajp għall-ilma tax-xita u li l-ilma tiegħu qed joħroġ ħdejn il-wires tal-elettriku.

Konsegwenza t'hekk, l-MCbs (miniature circuit breakers) installati qegħdin jittrippjaw u jitfu ż-żona. Il-Kunsill Lokali ġie infurmat biex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata.

Seduta 133
13/06/2023

**ORNIS COMMITTEE – MEMBRI**

**9474. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8375, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid min huma l-membri li jiffurmaw l-ORNIS Committee? Jista' jagħti lista sħiħa, bl-isem u l-kunjom, ta' min huma l-membri ta' dan il-kumitat li huwa pubbliku?

01/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 133
13/06/2023

**PERMESS GĦAD-DEMOLIZZJONI TA' SIT**

**9475. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8197 u jgħid jekk l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġitx permess biex ikun hemm id-demolizzjoni totali ġewwa Kordin proprju fejn seħħet il-mewta traġika ta' żagħżugħ ta' 20 sena u kien hemm persuni oħra li sofrew xi ġrieħi? Jekk l-Awtorità ħarġet tali permess, jista' jgħid min kien responsabbli għall-ħruġ ta' dan il-permess?

01/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità ma rċeviet ebda applikazzjoni ta' dan it-tip fir-rigward tas-sit imsemmi.

Seduta 133
13/06/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – RWOL TA' EKS AVUKAT ĠENERALI**

**9476. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8193 u jgħid x'inhu r-rwol tal-Eks Avukat Ġenerali, li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, fi ħdan il-Ministeru tiegħu u x'paga qed jieħu għal dan ir-rwol?

01/06/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuna msemmija minnu tipprovdi servizzi ta' konsulenza legali. Ta' dan is-servizz din il-persuna qed titħallas €40 fis-siegħa sa massimu ta €68,000.

Seduta 133
13/06/2023

**ĦAD-DINGLI – INĦAWI TAL-QATTARA – PASSAĠĠI PUBBLIĊI**

**9477. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8184 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7836, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra site plan dettaljata fejn għandhom jiġu indikati l-passaġġi pubbliċi kollha fl-inħawi tal-Qattara, ġewwa Ħad-Dingli, fid-dawl li l-Awtorità tal-Artijiet huwa obbligu tagħha li jkollha din l-informazzjoni?

01/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jindika ż-żona bi preċiżjoni li dwarha qiegħda ssir l-istess domanda.

Seduta 133
13/06/2023

**GŻIRA – TRIQ IL-MADONNA TAL-ĠEBLA - ART**

**9478. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7848 u ċjoè: B'referenza għall-art, immarkata bl-aħmar fis-site plan li qed tintbagħat separatament, li tinsab fi Triq il-Madonna tal-Ġebla, il-Gżira, jista' l-Ministru jgħid jekk din hijiex art pubblika jew le? Jekk le, kienet xi darba tal-Gvern? Kif ġiet mgħoddija lil terzi?

01/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ġejt infurmat li l-Awtorità tal-Artijiet għadha kemm ġiet mgħarrfa minn Infrastructure Malta li dalwaqt ser jibda l-proċess għar-rilaxx lura lis-sidien minn min ġiet esproprijata.

Seduta 133
13/06/2023

**BINJA – ŻVILUPP**

**9479. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7834 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7052, jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tal-Ippjanar ikkonfermatx li l-iżvilupp tal-binja li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament huwiex earthquake proof? Fid-dawl ta' numru ieħor ta' żviluppi high rise, jista' jgħid jekk hemmx xi policy fuq is-sigurtà ta' dawn il-binjiet fl-eventwalità ta' terremot? Jekk le, jista' jgħid jekk huwiex iż-żmien li nkunu proattivi u jkollna policy/guidelines/regoli fuq dan?

01/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mhux kompitu tal-Awtorità tal-Ippjanar biex jiġi stabbilit id-disinn strutturali tal-bini.

Seduta 133
13/06/2023

**CAPPING FUQ IR-RIFUŻJONI TAT-TAXXA**

**9485. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għaliex kien hemm capping ta' €60,000 fuq ir-rifużjoni tat-taxxa?

01/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li din il-miżura tal-Budget 2018 kienet tistipola capping ta' €60,000 u għaldaqstant baqa' jinżamm dan it-treshold.

Seduta 133
13/06/2023

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI – SERVIZZI**

**9503. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tal-klijenti kollha (entitajiet Governattivi, kumpaniji mis-settur privat, individwi eċċ.) li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali tat is-servizzi tagħha bi ħlas f'dawn l-aħħar ħames snin u nofs (2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 s'issa), sena b'sena, skont it-tabella li qed tintbagħat separatament? Jista' jgħid ukoll min hu r-regolatur f'dan il-każ? Min jiddeċiedi liema huma l-każijiet li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għandha taħdem direttament fuqhom u titlob tariffi għas-servizz, u fuq il-bażi ta' liema kriterji jintgħażel klijent minn ieħor? Kif jiġu kkalkulati l-miżati peress li dan mhux preskritt legalment?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali li s-servizzi li toffri s-Sovrintendenza li huma suġġett għal ħlas huma limitati għal:

- Spezzjonijiet ta' artifatti ta' patrimonju kulturali li jkunu qegħdin jiġu mpurtati fil-pajjiż, mhux mill-EU;

**Examinations Fees (collected in terms of S.L.35.03 Fees for Examination of Works of Art)**

| 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|---|
| €65,157 | €22,125 | €4,638 | €20,379 | €72,540 | €27,052 |

- Assessjar ta' talbiet għal esportazzjoni ta' oġġetti mhux kulturali;

**Administrative Fees (export of non-cultural items)**

| 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|---|
| n/a | n/a | €15,907 | €18,704 | €20,478 | €6,905 |

- Esportazzjoni ta' oġġetti kulturali;

**Export/Re-Export of Cultural Items (over 50 years) (collected in terms of Art.54 of Cultural Heritage Act (CAP.446)**

| | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Administrative Fee | n/a | n/a | n/a | n/a | n/a | €110 |
| Export/Re-Export Certificate | n/a | n/a | n/a | n/a | n/a | €2,310 |

**Other Services rendered in terms of Cultural Heritage Act**

| 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|---|
| n/a | n/a | €7,150 | €48,244 | €21,108 | €0 |

Seduta 133
13/06/2023

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI – DĦUL MILL-COMPROMISED FINE MECHANISM**

**9504. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul fis-sena 2022 bl-adozzjoni tal-'Compromised Fine Mechanism' mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali? Jista' jagħti rendikont ta' dan id-dħul u jgħid minn fejn kien?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali li l-mekkaniżmu tal-Compromised Fines huwa mekkaniżmu tal-Awtorità kkonċernata u mhux tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

Intant infurmat ukoll illi kull meta s-Sovrintendenza ressqet każ ta' Compromised Fines quddiem l-Awtorità kkonċernata, dejjem kien hemm involut fil-proċess is-Sovrintendent.

Seduta 133
13/06/2023

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI – DĦUL MILL-COMPROMISED FINE MECHANISM**

**9505. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Peress li skont ir-Rapport Annwali tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali tal-2019 il-'Compromised Fine Mechanism' kien amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar, jista' l-Ministru jgħid jekk dan ifissirx li l-multi nġabru u nżammu mill-Awtorità tal-Ippjanar? Jista' jgħid ukoll minn fejn ġej is-sors tad-dħul għas-Sovrintendenza? Min kien l-uffiċjal li mexxa l-'Compromised Fine Mechanism' f'isem is-Sovrintendenza dak iż-żmien, u min qed imexxi dan il-mekkaniżmu illum?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 9504.

Seduta 133
13/06/2023

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI – DEBITURI**

**9506. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid min huma d-debituri tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali? Jekk il-"miżati ta' eżami u amministrattivi" huma fuq bażi ta' flus kontanti, (irreferi għal paġna 9 tal-istqarrijiet finanzjarji awditjati tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena 2022) allura min irid jagħti l-flus lis-Sovrintendenza? Jista' jagħti lista komprensiva tad-debituri u l-ammonti rispettivi?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħrif jinġabar.

Seduta 133
13/06/2023

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI – KREDITURI**

**9507. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti l-lista tal-kredituri li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għandha tħallas total ta' €768,508 hekk kif imniżżel fl-estimi finanzjarji?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali li l-ammont msemmi ma jirriflettix kredituri iżda huma *proviżjonijiet.*

Seduta 133
13/06/2023

**SOVRINTENDENT TAL-PATRIMONJU KULTURALI – REMUNERAZZJONI**

**9508. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 393, datata 20 ta' Ġunju 2022, dwar ir-remunerazzjoni mogħtija lis-CEOs fis-settur kulturali, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-"Planning Authority benefits" li qed jirċievi l-individwu li d-dettalji tiegħu qed jintbagħtu separatament waqt li qed jokkupa l-kariga ta' Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt li għandu? Jista' jgħid għaliex l-aktar persuna influwenti fil-protezzjoni tal-patrimonju kulturali f'pajjiżna, qiegħed jingħata benefiċċji mill-Awtorità tal-Ippjanar? Għal kemm jammontaw dawn il-benefiċċji?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħrif jinġabar.

Seduta 133
13/06/2023

**TQASSIM TA' WELFARE HAMPERS FID-DJAR TAL-ANZJANI**

**9548. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk tqassmux Welfare hampers lill-anzjani fid-Djar tal-Anzjani tal-Gvern, inkluż ir-Residenza San Vinċenż De Paul, mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jekk le, għaliex twaqqfu? Jekk iva, min kien/u l-fornitur/i? Kemm tqassmu hampers kull darba? Kemm-il darba tqassmu tul kull sena partikolari, sena b'sena? Kemm sewa kull hamper? Fiex kien jikkonsisti kull hamper? Kif intgħażlu l-fornituri, jekk hux b'tender jew modi oħrajn?

05/06/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-hampers lill-anzjani f'San Vinċenz de Paul baqgħu jitqassmu mill-Welfare Committee f'okkażjonijiet annwali bħal Jum l-Omm, Jum il-Missier u l-Milied.
Ninsab infurmat biex l-Onor. Interpellanta tirreferri għall-Ministeru li taħtu taqa' r-responsabbilità tal-Welfare Committee biex tingħata l-informazzjoni l-oħra mitluba.

Seduta 133
13/06/2023

**TQASSIM TA' ĊEKKIJIET GĦAR-RIFUŻJONI TAT-TAXXA**

**9549. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għaċ-ċekkijiet imqassmin għar-rifużjoni tat-taxxa kif ukoll peress li bid-deċiżjoni tal-Gvern pensjonanti li ma jaħdmux iżda għal raġuni jew oħra jħallsu t-taxxa, huma esklużi minn din il-miżura, jista' l-Ministru jgħid jekk ġaladarba dan iċ-cheque huwa għall-skop ta' rifużjoni ta' taxxa, għandux ikun eleġibbli għalih kull min iħallas it-taxxa, irrelevanti jekk hux pensjonant jew jaħdimx? Jista' jgħid jekk din hijiex diskriminazzjoni bejn persuna u oħra peress li t-tnejn li huma jħallsu t-taxxa? Jista' l-Ministru jirrevedi din id-deċiżjoni sabiex miċ-cheque li jmiss, kull min iħallas it-taxxa jieħu rifużjoni, irrelevanti minn fejn ġej id-dħul tiegħu?

05/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-iskop ta' din il-miżura huwa simili ta' negative income tax. L-għan ikun dak li min jaqla' l-inqas jiġi megħjun l-aktar. Il-miżura dejjem kienet intenzjonata bħala parti mill-pakkett ta' making-work-pay policies.

Seduta 133
13/06/2023

**BORMLA – DAR TAL-ANZJANI – INFIQ TA' FLUS F'MILJORAMENTI**

**9550. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm intnefqu flus f'miljoramenti fid-Dar tal-Anzjani ta' Bormla, sena b'sena, mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Fiex kien jikkonsisti dan ix-xogħol?

05/06/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tista' tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-Mistoqsija Parlamentari Numru 9232 (Seduta Nru 128 tat-30 ta' Mejju 2023) għall-informazzjoni mitluba għall-perjodu 2019 sal-2023.
Informazzjoni dwar il-perjodu 2013 sal-2018 ma tistax tingħata minħabba li bdiet tintuża sistema ġdida taż-żamma tal-informazzjoni msejħa CFMS, fejn għad ma ġietx inkorporata fiha l-informazzjoni tas-snin qabel l-2018 meta kienet tintuża sistema differenti magħrufa bħala DAS.

Seduta 133
13/06/2023

**BORMLA – DAR TAL-ANZJANI**

**9551. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-għeluq tad-Dar tal-Anzjani ta' Bormla, jista' l-Ministru jgħid qabel ma ħareġ l-istqarrija fejn ħabbar li se tingħalaq din id-Dar, jekk il-Kunsill ta' Bormla qattx kien ikkonsultat dwar dan jew tal-inqas ġiex uffiċjalment informat? Jekk iva, jista' jgħid meta ġie kkonsultat/informat u kif, jekk hux permezz ta' laqgħat, jekk hux b'korrispondenza uffiċjali jew b'xi forma oħra? Jista' jagħti d-data/i meta seħħet din il-konsultazzjoni/informazzjoni?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li jien ma ħriġt ebda stqarrija fis-sens indikat mill-istess Onor. Interpellanta.

Seduta 133
13/06/2023

**BORMLA – DAR TAL-ANZJANI**

**9552. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għall-għeluq tad-Dar tal-Anzjani ta' Bormla, jista' l-Ministru jgħid qabel ma ħareġ l-istqarrija fejn ħabbar li se tingħalaq din id-Dar, jekk il-Kunsill ta' Bormla qattx kien ikkonsultat dwar dan jew tal-inqas ġiex uffiċjalment informat? Jekk iva, jista' jgħid meta ġie kkonsultat/informat u kif, jekk hux permezz ta' laqgħat, jekk hux b'korrispondenza uffiċjali jew b'xi forma oħra? Jista' jagħti d-data/i meta seħħet din il-konsultazzjoni/informazzjoni?

05/06/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tħabbira li se jsir xogħol estensiv biex din id-dar tkun waħda li tilħaq il-livelli tal-lum, kienet meħtieġa fl-interess tar-residenti ta' din id-dar li jixriqilhom li jgħixu f'ambjent sigur u ta' livell għoli.
Il-Gvern iħoss li jkun irresponsabbli kemm-il darba jippermetti li xi ħadd taħt ir-responsabbiltà tiegħu jgħix fi struttura b'nuqqas serju ta' standards u f'periklu ċar ta' sigurtà.
Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-aħħar ġimgħat sar kuntatt mas-Sindku tal-lokalità ta' Bormla, u saret ukoll laqgħa li għaliha kienu mistiedna s-Sindki tal-Kottonera.

Seduta 133
13/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - PERSUNI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9559. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9554, ninfurmah li hemm 27 persuna li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti mill-kuntratt tagħhom, għax huma parti mis-Segretarjat tal-Ministru jew mas- Segretarjat tas-Segretarja Parlamentari.

Seduta 133
13/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - PERSUNI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9560. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9554, ninformah li hemm 7 persuni li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti jew jaħdmu mas-Segretarjat tiegħi.

Seduta 133
13/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - PERSUNI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9561. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba numru 9554, ninformah li hemm żewġ persuni fil-Ministeru u ħames persuni mas-Segretarju Parlamentari li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti jew jaħdmu mas-Segretarjat rispettiv.

Seduta 133
13/06/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - PERSUNI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9562. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid fil-Ministeru mmexxi minnha, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9554, ninformah li hemm 9 persuni li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti jew jaħdmu mas-Segretarjat tiegħi.

Seduta 133
13/06/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - PERSUNI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9563. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9554, ninformah li hemm 13-il persuna li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti jew jaħdmu mas-Segretarjat tiegħi.

Seduta 133
13/06/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - PERSUNI LI GĦANDHOM MOBILE ALLOWANCE**

**9564. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom mobile allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9554, ninformah li hemm 9 persuni li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti jew jaħdmu mas-Segretarjat tiegħi.

Seduta 133
13/06/2023

**FONDI DISPONIBBLI GĦALL-KUNSILLI LOKALI**

**9646. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid, sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kull kunsill lokali separatament f'Malta u Għawdex, kemm għandu fondi tal-Urban Improvement Fund/Planning Fund disponibbli għalih biex b'dawn il-fondi jkun jista' jagħmel proġetti fil-lokalità rispettiva?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-fondi disponibbli, ibbażati fuq introjtu kalkulat sal-bidu ta' April ta' din is-sena u li jieħdu wkoll kont ta' proġetti diġà kuntrattati biex jibbenefikaw minn fondi ta' l-Awtorità tal-Ippjanar u jew proġetti diġà sottomessi biex similarment jikkwalifikaw imma fejn għadu ma sarx kuntratt huma indikati fit-Tabella A li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 133
13/06/2023

**FONDI DISPONIBBLI GĦALL-KUNSILLI LOKALI**

**9647. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid, kemm ibbenefika minn fondi mill-Commuted Parking Payment Scheme (CPPS)/kontribuzzjoni favur l-Urban Improvement Fund/Planning Fund kull kunsill f'Malta u Għawdex separatament, sena b'sena mill-2013 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? X'tip ta' proġetti saru b'dawn il-fondi?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 133
13/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – ĦRUĠ TA' PERMESSI BIEX JITNEĦĦEW SPAZJI TA' PARKEĠĠ GĦAL SIĠĠIJIET U MWEJJED**

**9648. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid minn meta l-'Policy Guidance and Standards for Outdoor Catering Areas on Public Open Spaces' ġiet ippubblikata f'Ġunju tal-2016 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija palamentari, kemm-il permess inħareġ mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jitneħħew spazji ta' parkeġġ lokalità b'lokalità u sena b'sena f'Malta u Għawdex għal siġġijiet u mwejjed? X'fees inġabru mill-Awtorità tal-Ippjanar, inkluż għall-'car parking provisions' relatati mat-tneħħija ta' dawn il-parkeġġi? X'inhu n-numru tal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar f'kull każ? Kemm minn dawn l-applikazzjonijiet id-deċiżjoni jinħariġx il-permess jew le għadha pendenti?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 133
13/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – BARRIERI - TFIGĦ TA' MATERJAL TA' KOSTRUZZJONI**

**9649. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-barrieri li għandhom il-permessi neċessarji kollha tal-Awtorità tal-Ippjanar li fihom, bħalissa, jista' jintefa' materjal tal-kostruzzjoni? F'liema lokalità tinsab kull barriera?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nistieden lill-Onor. Interpellant jagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 133
13/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – ORDNI TA' TWAQQIGĦ TA' BINI**

**9650. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każi fejn l-Awtorità tal-Ippjanar (MEPA qabilha) ħarġet ordni ta' twaqqigħ ta' bini mill-2013 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, lokalità b'lokalità? X'kien in-numru tar-referenza tal-infurzar f'kull każ?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Avviż ta' Twettiq maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar ma jispeċifikax ordni ta' twaqqigħ ta' bini, għalhekk l-Awtorità ma għandhiex u ma tistax tiġbor l-informazzjoni mitluba.

Seduta 133
13/06/2023

**LOCAL PLAN REVIEW – REVIŻJONI TA' LOCAL PLANS**

**9651. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta ser isir il-Local Plan Review peress li l-Local Plans eżistenti suppost ġew reveduti madwar seba' snin ilu? X'inhi r-raġuni li l-Gvern għadu jkaxkar saqajh biex jagħmel ir-reviżjonijiet neċessarji tal-Local Plans? Jista' jgħid jekk dawk l-uffiċjali tal-Awtorità tal-Ippjanar li qed jaħdmu fuq ir-reviżjoni tal-Local Plans ingħatawx xi linji gwida, direzzjoni jew prijoritajiet sabiex isegwu fil-ħidma tagħhom? Jekk dawn il-linji gwida ngħataw, jista' jgħid minn min ingħataw u jista' jqiegħed dawn il-linji gwida u prijoritajiet fuq il-Mejda tal-Kamra?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8737 li ngħatat fis-seduta 126.

Seduta 133
13/06/2023

**ANIMAL WELFARE - ANNIMALI LI TTIEĦDU MINGĦAND SIDHOM**

**9753. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9225 u jgħid kemm kien hemm każi ta' klieb, qtates u annimali oħrajn (f'dak il-każ jispeċifika x'annimali kienu) li ttieħdu mingħand sidhom mill-Animal Welfare minn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn l-annimali ngħataw lura lil sidhom u x'kienet ir-raġuni li ngħataw lura?

06/06/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-każijiet totali ta' klieb, qtates u annimali oħra li ttieħdu mingħand sidhom mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali minn Jannar 2022 sal-ġurnata ta' llum, jammontaw għal 41 każ li fihom ġew ikkonfiskati 301-il annimal. Dawn il-każijiet kienu jikludu: klieb, qtates, żebras (għasafar), flieles, papri, tiġieġ, fniek, qanfud, summien, ħamiem, firien, fniek tal-Indi, żwiemel, qtates, imlivez, sturnelli, sriedaq u tiġieġ, wiżż, budgies, u kanarini. L-ebda annimal ma ġie ritornat lil sidu.

Seduta 133
13/06/2023

**FTEHIMIET KOLLETTIVI**

**9769. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9438 u jgħid ma' liema unions/assoċjazzjonijiet qed jiġu diskussi l-ftehimiet kollettivi skaduti u għal kemm żmien ilhom jiġu diskussi?

06/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari nru 9770.

Seduta 133
13/06/2023

**ŻIEDA FIL-PAGI PERMEZZ TAL-FTEHIM KOLLETTIV**

**9770. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9439 u jelenka ż-żieda fil-paga (perċentwal) għal kull ftehim kollettiv iffinalizzat matul is-sena 2021 u s-sena 2022?

06/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tijib fil-kundizzjonijiet tal-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku huwa kontinwu, tant li fil-perjodu li jagħmel referenza għalih ingħalqu 36 ftehim kollettiv.
Filwaqt li kull ftehim ikun fisser titjib fid-dħul tal-ħaddiema, il-kalkolu kif mitlub minnu ma jistax jingħata għax iż-żidiet ikunu jvarjaw skont l-istrutturi u l-livelli li fihom l-impjegati jkunu qegħdin. Hemm ukoll it-titjib fl-allowances u kundizzjonijiet oħra.
Infakkar ukoll lill-Onor. Interpellant li s-Servizz Pubbliku għandu ftehim kollettiv li hu validu sal-31 ta' Diċembru 2024 u minn dan il-ftehim joħorġu numru ta' ftehimiet settorjali ta' setturi differenti. Skont klawsola 8.2 tal-Ftehim Kollettiv 2017-2024 dawn m'għandhomx data ta' skadenza imma għal dawk il-ftehimiet settorjali li ġew iffirmati wara l-20 ta' April 2017 għandhom jibqgħu validi għal perjodu ta' mhux inqas minn ħames snin mid-data li jiġu ffirmati.
Bħalissa qed ikunu negozjati wkoll 23 ftehim kollettiv. It-tagħrif dwar liema huma qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 133
13/06/2023

**FTEHIMIET KOLLETTIVI**

**9771. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9437 u jelenka l-ftehimiet kollettivi skaduti? Jista' jgħid kemm ilhom skaduti u kemm ilhom jiġu diskussi?

06/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari nru 9770.

Seduta 133
13/06/2023

**PULIZIJA – DECIBEL METERS**

**9774. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Korp tal-Pulizija għandux decibel meters għad-dispożizzjoni tiegħu? Jekk iva, kemm hu n-numru ta' tali meters li għandu l-Korp? F'liema għases jinsabu għad-dispożizzjoni tal-Pulizija? Jekk m'għandux minn dawn il-meters għad-dispożizzjoni tiegħu, fuq liema bażi jkun hemm persuni li jiġu mressqa minħabba storbju żejjed fil-Qrati Maltin? Meta hu mistenni li l-Korp tal-Pulizija Joħroġ tender għal xiri ta' tali metres?

06/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-pulizija ma għandhiex proprjetà tagħha apparat biex tkejjel b'decibles il-volum tal-ħsejjes jew ta' storbju. Madankollu meta xi ħadd jirrapporta li sofra inkonvenjent bi ħsejjes jew storbju żejjed, il-Pulizija taġixxi u timxi skont il-provedimenti tal-liġi u skont l-evidenza miġbura, u jinħarġu akkużi kontra min jikkaġuna l-inkonvenjent, meta jkun il-każ.

Seduta 133
13/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – REVOKAR TAL-PERMESS DN/00648/22**

**9775. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9186 fejn ingħatat l-informazzjoni li l-permess DN 648/22 ġie rrevokat skont l-artikolu 80 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta, u fejn ġejt informata li dan il-permess ġie revokat "in view that the application contained the submission of information, declaration or plan which is incorrect or does not reflect the situation on site", jista' l-Ministru jagħti dettalji dwar x'kienet l-informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanti li hemm referenza għalihom f'dan l-istatement li ntbagħat sabiex il-Kunsill Lokali jiġi informat li dan il-permess ġie revokat?

06/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-proposta għad-DNO 648/22 kienet 'Proposed installation of outdoor ground fixed percussion exhibits' mentri fil-fatt dawn kienu instrumenti li setgħu jindaqqu f'kull ħin tal-ġurnata u anke matul il-lejl u mhux 'exhibits'. Għalhekk il-proposta ma kinitx qed tirrifletti eżattament dak li kien qed jiġi propost. Kien ċar li din il-proposta ma kinitx tikkwalifika biex tiġi pproċessata taħt l-ebda Klassi tal-L.S. 552.08 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta.
Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'din is-sitważżjoni fil-5 ta' April 2023 fejn kien anke infurmat li se ssir laqgħa pubblika biex tiġi diskussa din it-talba ta' Artiklu 80. Il-laqgħa pubblika saret fis-27 ta' April 2023 fejn il-Kunsill Lokali kien preżenti. Kemm qabel u anke waqt is-seduta, il-Kunsill iddikjara li wara li matul il-laqgħa annwali li nżammet fit-13 ta' April 2023 ġew imressqa lmenti mir-residenti, il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar ħa deċiżjoni li l-percussion exhibits installati fi Ġnien il-Millenju jiġu mneħħija.

Seduta 133
13/06/2023

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR – PJANTI GĦALL-PROJECT GREEN**

**9776. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti tal-proposti li saru mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar għal dak li jikkonċerna Project Green? Liema kienu dawn il-proposti?

06/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 133
13/06/2023

**BELT VALLETA - LIFT - KUNTATT F'KAŻ TA' EMERĠENZA**

**9786. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9160 u 9299, li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttra u l-Proġetti Kapitali rispettivament, u jgħid liema hi l-awtorità responsabbli mill-manutenzjoni tal-lift ta' Bieb il-Belt? Jista' jgħid ukoll xi jrid isir u ma' min irid isir kuntatt f'każ ta' emerġenza?

06/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-awtorità responsabbli hija l-Cleansing and Maintenance Division fi ħdan il-Ministeru għat-Turiżmu.

Seduta 133
13/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - SKEMA 'IRRESTAWRA DAREK' – SIT ELETTRONIKU MA JAĦDIMX**

**9787. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9298 u jagħti r-raġuni teknika u jgħid għalfejn is-sit elettroniku ma kienx qed jaħdem meta fetħet l-iskema tal-Awtorità tal-Ippjanar bl-isem "Irrestawra Darek" nhar it-30 ta' Mejju 2023 f'nofsinhar, tant illi numru ta' periti ma setgħux jaċċessaw u jissottomettu l-applikazzjonijiet? Jista' wkoll jgħid għal kemm (f'terminu ta' ħin) dam mhux aċċessibbli dan is-sit?

06/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9784 li ngħatat fis-seduta 132.

Seduta 133
13/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - SKEMA 'IRRESTAWRA DAREK' – APPLIKAZZJONIJIET**

**9788. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9380 u jipprovdi l-lista ta' dawk li rnexxielhom jissottomettu applikazzjoni sabiex jikkwalifikaw għall-fondi mill-iskema li ħarġet l-Awtorità tal-Ippjanar bl-isem "Irrestawra Darek" li fetħet nhar it-30 ta' Mejju 2023 f'nofsinhar, u jipprovdi rendikont spjegat, fl-ordni skont kif ġew sottomessi, ta' min kien il-Perit sottomettenti, f'liema lokalità tinsab il-proprjetà, il-ħin li ġiet sottomessa, u l-istatus tal-applikazzjoni fiex qiegħda, ċjoè jekk ġietx aċċettata jew qiegħda fuq il-waiting list jew rifjutata?

06/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9446 li ngħatat fis-seduta 132.

Seduta 133
13/06/2023

**SANTA VENERA – TRIQ GF AGIUS DE SOLDANIS - ĊINT**

**9897. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ċint li jinsab ħiereġ fi Triq G. F. Agius De Soldanis f'Santa Venera, huwiex qiegħed jipprotrudi fuq triq pubblika u jostakola l-via tat-triq? Jista' jgħid jekk hemmx il-ħsieb li din tiġi regolata jekk ma tkunx konformi?

08/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 9897 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 133
13/06/2023

**GĦAQDIET TAL-KAĊĊA – ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**9908. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-għaqdiet tal-kaċċa li bbenefikaw mill-fondi allokati mill-Baġit tal-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u dak għal Għawdex meta l-kaċċa kienet taqa' taħt il-Ministeru għall-Ambjent? Jista' jgħid liema huma dawn l-għaqdiet li bbenefikaw u kemm ingħataw flus mill-baġit allokat?

08/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li xieraq li jinnota li l-għan tal-Fond għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi mhuwiex limitat għal għajnuna finanzjarja lill-għaqdiet tal-kaċċa, iżda joffri għajnuna finanzjarja lill-NGOs kollha li jaħdmu fl-oqsma kollha relatati mal-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi.
Mill-2020, it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) saret parti mill-Ministeru għal Għawdex u l-fondi li ngħataw taħt is-sejħa ta' dan il-Fond fl-2021 ħarġu mil-baġit tiegħu. Is-sejħa għal applikazzjonijiet għal għajnuna finanzjara minn dan il-Fond toħroġ kull sentejn u l-ammont totali allokat minn dan il-Fond għal kull sejħa huwa ta' €100,000.
Il-fondi li ħarġu lill-għaqdiet tal-kaċċa minn meta beda dan il-fond jinsabu fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 133
13/06/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ALLOKAZZJONI TA' FONDI GĦAD-DELIZZJU TAL-KAĊĊA**

**9909. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kif il-flus allokati għad-delizzju tal-kaċċa taħt il-Ministeru għal Għawdex minn stima ta' €10,000 fl-2019, din telgħet għal dik ta' €40,000? Jista' jgħid kif intnefqu dawn il-flus allokati?

08/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-Fond għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi li mill-2020 qed jiġi amministrat mill-Ministeru għal Għawdex, jagħti għajnuna finanzjarja sa massimu ta' €100,000, lill-għaqdiet mhux governattivi, li jkunu konformi mal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492), sabiex ikunu jistgħu jwettqu attivitajiet, proġetti, programmi u skemi relatati mal-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi.
Ta' min jinnota li l-għan tal-Fond għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi mhuwiex limitat għal għajnuna finanzjarja lill-għaqdiet tal-kaċċa, iżda joffri għajnuna finanzjarja lill-NGOs kollha li jaħdmu fl-oqsma kollha relatati mal-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi.
Taħt dan il-fond, fl-2021 ġew approvati total ta' €83,504 għall-proġetti li jinsabu fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 133
13/06/2023

**ALLOKAZZJONI TA' FONDI GĦALL-KAĊĊA U L-GĦAQDIET TAL-KAĊĊA**

**9910. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid għaliex twaqqfu l-fondi li kienu allokati għall-kaċċa u l-għaqdiet tal-kaċċa fis-snin 2021 u 2022? Dawn l-ispejjeż qegħdin jgħaddu jew iddaħħlu taħt spiża oħra li taqa' taħt il-Ministeru għal Għawdex? Jew taħt xi ministeru ieħor?

08/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-2021 ġie mniedi l-Fond għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, li permezz tiegħu ngħatat għajnuna finanzjarja lill-għaqdiet volontarji, inkluż għaqdiet tal-kaċċa, li huma iskritti skont l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji. Bis-saħħa ta' dan il-fond, l-għaqdiet volontarji jistgħu jwettqu inizjattivi relatati mal-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi. Mis-sejħa maħruġa fl-2021, erba' proġetti ta' konservazzjoni li jappartjenu għal żewġ organizzazzjonijiet tal-kaċċa ngħataw total ta' €33,952. Din iċ-ċifra tammonta għal 50% tal-għotja totali approvata skont il-linji gwida tal-fond.

Seduta 133
13/06/2023

**HAND HELD SPEED CAMERAS - ĦRUĠ TA' KONTRAVENZJONIJIET -**

**9911. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu kontravenzjonijiet mill-handheld speed cameras minn meta bdew joperaw?

08/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi dettalji disponibbli dwar kemm inħarġu kontravenzjonijiet bl-użu ta' handheld speed cameras, huma dawk mis-sena 2019 sal-aħħar ta' Mejju 2023. F'dan il-perjodu kien hemm erbat elef, mija u sittax-il kontravenzjoni rreġistrati.

Seduta 133
13/06/2023

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET – SPAZJI MIFTUĦA EŻISTENTI**

**9967. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 7516 u 8036, jista' l-Ministru jgħid meta bdew, meta se jkunu kompluti u kemm se jiswew ix-xogħlijiet fuq Ġnien Bir l-Iljun fir-Rabat, Ġnien il-Kunsill f'Birżebbuġa u Ġnien Ġorġ Zarb f'San Ġwann? Jista' jgħid jekk hux se jkun hemm kuntratturi ingaġġati u jekk iva, x'xogħol se jkunu qed jagħmlu u fuq liema proġett?

09/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fuq Ġnien Bir l-Iljun bdew fi Frar 2022 u ser ikunu kompluti fil-ġimghat li ġejjin. F'dan il-proġett, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għamel diversi xogħlijiet li ammontaw għal €26,267 eskluż il-pagi tal-ħaddiema. Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb l-installazzjoni tal-play equipment, il-bankijiet u l-landscaping. Fuq dan il-proġett, id-Dipartiment ingaġġa kuntrattur għall-għorik tal-pavimentar.

Ix-xogħlijiet fuq Ġnien il-Kunsill f'Birżebbuġa bdew f'Diċembru 2022 u ser ikunu kompluti għal aktar tard din is-sena. Fuq dan il-proġett, id-Dipartiment tax-Xogħljiet Pubbliċi ser ikun qed jiffinanzja x-xogħlijiet kollha ħlief l-installazzjoni tal-play equipment. S'issa n-nefqa min-naħa tad-Dipartiment tammonta għal €26,202 eskluż il-pagi tal-ħaddiema. Id-Dipartiment ser ikun qed jingaġġa kuntrattur biex tiġi installata sistema ta' CCTV.

Ix-xogħlijiet fuq Ġnien Ġorġ Zarb f'San Ġwann bdew fi Frar 2023 u ser ikunu kompluti għal aktar tard din is-sena. Dawn ix-xogħlijiet qed isiru mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħljiet Pubbliċi waqt li l-Kunsill Lokali ta' San Ġwann ser joħrog l-ispejjez kollha tal-materjal u l-makkinarju li s'issa jammontaw għal €6,248. Min-naħa tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi m'hemmx il-ħsieb li jiġu ngaġġati kuntratturi fuq dan il-proġett.

Seduta 133
13/06/2023

**SKEJJEL TAL-ISTAT – KIRI TA' SWALI LIL GĦAQDIET VOLONTARJI**

**9968. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8031 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7593, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid x'inhi r-rata tal-VAT użata u x'tip ta' rċevuta qed tingħata f'każijiet ta' ħlas għall-kiri tas-swali tal-iskejjel lil għaqdiet volontarji u li ma joperawx għall-qliegħ? Jista' jgħid ukoll x'inhi r-rata li qed tiġi ċċarġjata minn kull Kunsill Skolastiku għall-użu tas-swali tal-iskejjel rispettivi?

09/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 133
13/06/2023

**SPED 2015 – REVIŻJONI TAL-POLICIES**

**9969. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess tar-reviżjoni tal-policies tal-iSPED 2015, x'inhuma l-istadji li jmiss u x'inhu t-timeline biex dan l-eżerċizzju jkun lest?

09/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità aktar tard din is-sena se tkun qed tippubblika aktar dettalji partikolarment meta se tkun qed titħabbar konsultazzjoni pubblika.

Seduta 133
13/06/2023

**CLUBS SPORTIVI - SKEMI**

**9970. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru telenka lista ta' skemi li se jinfetħu jew jerġgħu jinfetħu, u meta, għal klabbs sportivi fejn dawn jiġu megħjuna jieħdu inizjattivi ambjentali u sostenibbli?

09/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, sabiex klabbs sportivi jieħdu inizjattivi ambjentali u sostenibbli, hemm numru ta' għajnuniet li jistgħu jirrikorru għalihom.

Fost dawn, Project Green nediet il-Community Greening Grant li għaliha setgħu japplikaw għaqdiet volontarji, skejjel u Kunsilli Lokali. Din l-iskema kienet intiża għal tisbiħ ambjentali fil-komunità, inkluż bit-tħawwil ta' siġar u arbuxelli. Wara li għalqet din l-ewwel skema, Project Green nediet skema oħra Local Greening Programme fejn entitajiet mhux governattivi, inkluż klabbs sportivi, jistgħu jidentifikaw spazji mitluqa, jew li forsi ma jintużawx, sabiex fihom jitħawlu aktar siġar fil-komunità. Aktar dettalji dwar din l-iskema jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku tal-aġenzija.

Opportunità oħra hija dik li joffri r-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) fejn entitajiet mhux governattivi, u allura inkluż ukoll il-klabbs sportivi, jistgħu japplikaw biex jibbenefikaw minn tariffa feed-in taħt ir-Regolamenti dwar it-Tariffi Feed-in (Elettriku Ġenerat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajiċi tax-Xemx) (L.S. 545.27). Din l-opportunità tapplika għal stallazzjonijiet ta' pannelli b'kapaċità sa 40kW. F'każ ta' stallazzjonijiet b'kapaċità ta' bejn l-40kW u l-1000kWp, dawn l-istess entitajiet jistgħu jieħdu sehem fis-sejħiet għall-Offerti (ITB) għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju għall-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu.

Min-naħa tal-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma (EWA), aktar kmieni din is-sena, nfetħet skema għal għaqdiet volontarji (inkluż dawk sportivi) sabiex jinvestu f'inizjattivi li jipprovdu għal aktar effiċjenza fl-użu tal-ilma u l-enerġija. Taħt din l-iskema ntlaqgħu 24 applikazzjoni li bħalissa qed jiġu evalwati mill-Aġenzija. L-inizjattivi magħżula se jitħabbru fil-ġimgħat li ġejjin bil-ħsieb li jiġu implimentati matul din is-sena. Sadanittant, qed tiġi esplorata wkoll il-possibbiltà li din l-iskema terġa' tiftaħ kmieni s-sena d-dieħla.

Seduta 133
13/06/2023

**BIRŻEBBUĠA – ĊENTRU TAS-SAĦĦA**

**9971. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk saritx xi tip ta' applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar iċ-Ċentru tas-Saħħa f'Birżebbuġa u f'każ illi saret, x'inhu n-numru ta' referenza?

09/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din l-applikazzjoni għal bdil ta' użu tas-sit għal klinika komunitarja tas-saħħa qed tiġi preparata.

Seduta 133
13/06/2023

**SKEMA 'IRRESTAWRA DAREK'**

**9972. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Wara li ġiet posposta l-iskema 'Irrestawra Darek' għal binjiet skedati grad 1 u 2, jista' l-Ministru jgħid meta din se tinfetaħ u x'se jkunu t-termini u l-kondizzjonijiet, inkluż il-limitu tal-fond?

09/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** L-Awtorità tal-Ippjanar se tkun qed tħabbar din l-iskema fiż-żmien li ġej u l-fond allokat huwa dak li diġà ġie mħabbar ta' €1 miljun.

Seduta 133
13/06/2023

**BINI TA' HALF WAY HOUSE GĦAL PRIĠUNIERI MASKILI**

**9984. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li titlesta t-tieni half way house li qed tinbena għal priġunieri maskili? Kemm se tkun tista' takkomoda nies?

09/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-kollaborazzjoni eċċellenti bejn il-Gvern u l-għaqdiet li jaħdmu għar-rijabilitazzjoni tal-priġunieri, qed twassal sabiex jiġu msaħħa aktar servizzi ġodda minn dawk preżenti. Fil-fatt il-Gvern jinsab f'diskussjonijiet mal-Fondazzjoni mid-Dlam għad-Dawl sabiex anke din il-Fondazzjoni, torganizza programm ta' rijabilitazzjojni għall-priġunieri. Dan il-programm se tkun qed tmexxih minn dar ġewwa l-Birgu. Huwa maħsub li dan il-programm jibda sa tmiem din is-sena, sakemm fil-fratemp isiru t-tħejjijiet neċessarji. Dan il-programm se jkun qed jilqa' kemm priġunieri nisa u anke rġiel u se jkun qed jimxi skont il-ħtiġijiet u t-talbiet għall-programmi f'dak il-mument.
Ukoll, Il-kolloborazzjoni bejn il-Gvern u l-Fondazzjoni RISe qed tkompli tissaħħaħ sabiex jiġu provduti servizzi ġodda aktar minn dawk preżenti. Proġetti li bdiehom dan il-Gvern flimkien mal-Fondazzjoni RISe u ser ikompli jibni fuqom. Infurmat li l-proċess għal din id-dar għaddej flimkien mal-Awtorità tal-Ippjanar u dan il-proċess bħalissa qed jiġi kkordinat mill-Ministeru għall-Familja. Apparti dan infurmat li l-Fondazzjoni RISe sakemm jitlesta dan il-proġett, xorta waħda se testendi l-programm tagħha billi tagħmel użu minn dar oħra mikrija minn terzi li l-proċess għalih ħadet ħsiebu l-istess Fondazzjoni. Dawn il-programmi ġodda se jkunu kemm għal priġunieri femminili iżda anke dawk maskili.

Seduta 133
13/06/2023

**KAROZZI ABBANDUNATI**

**9985. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' karozzi li fis-snin 2021 u 2022 kienu abbandunati u li ma jkunux tneħħew mis-sidien, iżda ma setgħux jiġu rmunkati għaliex ma kienx hemm spazju ġewwa Ta' Kandja jew fil-post identifikat f'Għawdex ? Jista' jagħti wkoll l-istess informazzjoni għas-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li minn verifiki manwali li saru mill-Korp tal-Pulizija kien hemm 619-il każ fis-sena 2021, 581 każ fis-sena 2022 u 399 każ sa April ta' din is-sena, fejn il-Pulizija aġixxiet wara rapporti li rċeviet, ta' vetturi li kienu mitluqa jew abbandunati, jew wara li dawn ġew identifikati waqt ir-ronda. Infurmat li fil-maġġoranza tal-każijiet il-vetturi jitneħħew mis-sidien tagħhom wara li titwaħħal in-notifika ta' tneħħija fuq l-istess vetturi. Fil-każijiet fejn vetturi ġew irmunkati mill-Pulizija dawn ġew meħuda fil-kumpless ġewwa ta' Kandja għal Malta u fil-lok indikat mill-kuntrattur fil-każ ta' Għawdex. Jekk ma jiġux irkuprati mis-sidien, jinħarġu l-Avviżi tal-Pulzija relatati u għal informazzjoni ġenerali skont il-liġi, fejn il-Pulzija tkun tista' tiddisponi minnhom wara l-perjodu stipulat.

Ma' dawn dwar każi ta' ngombru, l-Aġenzija LESA kellha 3363 rapport, u ġew irmunkati 629 vettura fis-sena 2021. Fis-sena 2022 kien hemm 2831 rapport, u ġew irmunkati 449 il-vettura u sa l-aħħar t'April 2023 kellha 2776 rapport, u ġew irmunkati 454 vettura.

Ninsab infurmat illi bis-saħħa tal Liġi Sussidjarja 65.13 artikolu (3), barra mill-Pulizja u l-LESA t-tneħħija ta' karozzi abbandunati li jkunu pparkjati fit-toroq jistgħu jitneħħew ukoll mill-Kunsilli Lokali u Transport Malta.

Għaldaqstant dan juri li hemm impenn kemm mill-Korp tal-Pulizija u l-Aġenzija LESA sabiex vetturi abbandunati jkunu mneħħija, flimkien ma entitajiet oħrajn li għandhom dawn il-poteri. Tagħrif ieħor mhux disponibbli f'sistema kompjuterizzata.

Seduta 133
13/06/2023

**BINI TA' HALF WAY HOUSE GĦAL PRIĠUNIERI FEMMINILI**

**9986. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li titlesta l-half way house għal priġunieri femminili?

09/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Issir referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2502. Il-kolloborazzjoni eċċellenti bejn il-Gvern u l-Fondazzjoni RISe qed tkompli tissaħħaħ sabiex jiġu provduti servizzi ġodda aktar minn dawk preżenti. Proġetti li bdiehom dan il-Gvern flimkien mal-Fondazzjoni RISe u ser ikompli jibni fuqhom. Infurmat li l-proċess għal din id-dar għaddej flimkien mal-Awtorità tal-Ippjanar u dan il-proċess bħalissa qed jiġi kkordinat mill-Ministeru għall-Familja. Apparti dan infurmat li l-Fondazzjoni RISe sakemm jitlesta dan il-proġett, xorta waħda se testendi l-programm tagħha billi tagħmel użu minn dar oħra mikrija minn terzi li l-proċess għalih ħadet ħsiebu l-istess Fondazzjoni. Dawn il-programmi ġodda se jkunu kemm għal priġunieri femminili iżda anke dawk maskili. Bħala Ministeru, u anke bħala parti mill-proċess rijabilitattiv li nemmnu tabilħaqq fih, inżommu kuntatt fuq bażi regolari mal-għaqdiet kollha fis-settur sabiex jiġu provduti l-aqwa programmi ta' rijabilitazzjoni possibbli.

Seduta 133
13/06/2023

**CCF – SAFAR MID-DIRETTUR**

**9987. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba siefer id-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Min akkumpanjah f'kull safra u x'kien l-iskop ta' dan is-safar? B'kollox kemm ġie jiswa dan is-safar?

09/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Kap Eżekuttiv attenda 'Correctional Reserach Symposium 2023' f'Porto, il-Portugall. Huwa kien akkumpanjat mill-Professur Joe Giordimaina mill-Università ta' Malta u li jassisti lill-aġenzija u minn żewġ uffiċjali mill-uffiċċju ta' Startegy & Systems fi ħdan l-Aġenzija. L-ispejjeż tal-Kap Eżekuttiv u l-Professur Giordimaina ġew imħallsa mill-Università ta' Malta, filwaqt li l-ispejjeż taż-żewġ uffiċjali, ġew imħallsa mill-Aġenzija u ammontaw għal €3,501.27.
Ukoll il-Kap Eżekuttiv attenda it-'28th Council of Europe Conference of Directors of Prison and Probation Services' f'Berlin, il-Ġermanja. Huwa kien akkumpanjat mill-Professur Joe Giordimaina mill-Università ta' Malta u li jassisti lill-aġenzija u minn uffiċjal li jagħmel parti mill-Istrategy & Systems fi ħdan l-Aġenzija. L-ispiża totali għal din is-safra kienet ta' €4,278.00.

Seduta 133
13/06/2023

**CCF – PRIĠUNIERI NISA**

**9988. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm priġunieri nisa li preżentement qed jiskontaw sentenza fi ħdan il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin?

09/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi sad-data li qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari sitta u għoxrin (26) mara qed tiskonta sentenza ta' priġunerija.

Seduta 133
13/06/2023

**TAS-SLIEMA – TRIQ IL-KBIRA - XOGĦLIJIET**

**9990. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kienx hemm xi waqfien mix-xogħol li għaddej fi Triq il-Kbira, ġewwa Tas-Sliema, u meta dan ix-xogħol hu maħsub li jitlesta peress li x-xogħol issa ilu għaddej minn Jannar u hemm anke garaxxijiet li ilhom dawn ix-xhur kollha bblukkati mingħajr ma ġew avżati?

09/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet kellhom jitwaqqfu temporanjament wara rakkomandazzjoni tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali sakemm tiġi sottomessa informazzjoni mitluba. Xogħlijiet ta' skavar u bini ta' parti mit-triq mill-ġdid se jitkomplew fil-jiem li ġejjin.

Seduta 133
13/06/2023

**GĦAJNSIELEM – ĊENTRU SAN APOLLONA – FAKULTÀ TAD-DENTISTRIJA – KLINIKA - NEFQA**

**9993. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġiet tiswa sabiex ssir il-klinika dentali tal-Fakulta tad-Dentisrija ġewwa ċ-Ċentru San Apollona f'Għajnsielem? Jista' jgħid kemm ra pazjenti dan iċ-Ċentru minn meta tlesta sal-ġurnata li tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

09/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 133
13/06/2023